**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 71** **28 ta' Novembru, 2023**

Il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil-Binja tal-Kunsill, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-28 ta' Novembru fil-4:30 ta' waranofsinhar.

**PREŻENTI:**

Steven Grech - Sindku
Stephen Caruana - Kunsillier
Daniel Zerafa - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**

Elenia Desira - Assenti b'apoloġija

**ASSENTI:**

Kunsillier/a - Post vakanti

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Scicluna - Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **71.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġija** |
| 71.1.1 | Għal-laqgħa datata għat-28 ta' Novembru, il-Viċi Sindku, is-Sa. Elenia Desira kienet assenti b'apoloġija.<br><br>Il-Kunsilliera Dr. Mary Muscat, irriżenjat fuq raġunijiet personali, ġew infurmati il-Ministeru Dr. Owen Bonnici, is-Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli, id-Direttur Ġenerali Mr. Natalino Attard, kif ukoll iċ-'Chief Electoral Commissioner', is-Sur Joe Camilleri. |
| | |
| **71.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti** |
| 71.2.1 | Il-Kunsillier Stephen Caruana ppropona u l-Kunsillier Daniel Zerafa ssekonda l-minuti tal-laqgħat numru 68. Il-minuti ġew approvati b'mod unanimu fost dawk kollha preżenti. |
| | |
| **71.3** | **Komunikazzjonijiet mis-Sindku.** |
| 71.3.1 | Is-Sindku introduċa r-rappreżentant tal-Marsaxlokk Heritage, li kien preżenti u tkellem dwar li se tiġi restawrata dgħajsa tal-firilla (għandha 100 sena). Hu semma li din se titniżżel fil-baħar biex joħolqu l-kunċett ta' Harbour Tours.<br><br>Dan se jinżamm fil-baħar fis-sajf, filwaqt li għall-ħabta ta' Novembru/Diċembru tittella' u jsir xi manutenzjoni, u f'Mejju terġa' titniżżel il-baħar. Dan ser jintrabat mal-proġett li qed jagħmel il-Kunsill fil-Mużew Torri Vendome, li se jsir Mużew tas-Sajd, u għalhekk jixtieq li l-Kunsill japprova li din tista' tinżamm u ssir il-manutenzjoni tagħha ġewwa t-Torri Vendome. Għalhekk għandha tintalab ittra ta' intenzjoni biex il-firilla tinżamm f'dan il-Mużew.<br><br>Is-Sindku qal li ma jaqbilx mal-kunċett tal-Harbour Tours minħabba li hekk se jinħoloq preċedent fuq l-oħrajn u mhux ġust lanqas li tissewwa ġewwa t-Torri għax inkella rridu nipprovdu spazju għal kull min għandu bżonn jagħmel xi manutenzjoni fuq id-dgħajsa. B'hekk is-Sindku qal li ser jitkellem mal-kunsilliera l-oħra biex jara jekk jaqblux jew le. |
| 71.3.2 | Fis-6 ta' Novembru, is-Sindku flimkien mas-Segretarja eżekuttiva attendew għal laqgħa mal-Ministru tal-Isports u Edukazzjoni fejn ġiet diskussa binja alternattiva għal-librerija fi Triq San Franġisk. B'hekk ikun hemm aċċess kemm mill-iskola u aċċess ukoll minn barra, u il- Ministru Grima ser jara x'jista' jsir. Tkellmu wkoll fuq il-binja eżistenti fejn il-berġa dik li kienet skola tal-Enemalta li tinsab fi Triq il-Port Ruman. Din bħalissa taqa' taħt l-Università, is-Segretarja għaddiet il-pjanta lill-Ministru biex jara hux possibbli li din il-binja tingħata lill-Kunsill u tintuża bħala binja għall-Kunsill lokali. |

| | |
|---|---|
| | |
| 71.3.3 | Fit-8 ta' Novembru, is-Sindku u s-Segretarja Eżekuttiva attendew għal laqgħa Transport Malta dwar Triq Ġulinu Maniscalco. Ġie deċiż li jitwaqqaf il-ħatt u tgħabija tal-passiġġieri u ser jimxi għal parking space li hemm fi Triq il-Powerstation. Ħa jkun hemm ukoll aċċess għall-ħatt BISS tal-passiġieri fi Triq il-Kavallerizza fejn hemm il-Bus Stop diġà eżistenti. |
| 71.3.4 | Fil-15 ta' Novembru, is-Sindku flimkien mas-Segretarja Eżekuttiva attendew għal laqgħa l-Ministeru tat-Trasport, Infrastruttura u proġetti Kapitali rigward il-bajja tal-Magħluq fejn kien beda proġett ta' TM imma ma tkompliex u waqaf minħabba xi xogħlijiet fir-riserva naturali li għandhom isiru mil-ERA. Is-Sindku propona li għalissa jsir passaġġ temporanju minn fejn il-bandli sa fejn id-daħla ta-'Nature 2000'.<br>Tkellmu wkoll rigward Triq San Franġisk u s-Sindku semma li xtaq li jsir 'culvert' imma minflok ser isir tkabbir tar-'raising main'.<br><br>Is-Sindku semma li ser jittardja x-xogħol fi Triq Santa Katerina, u li ser ikun hemm l-ilma li jaqleb fuq żewġt naħat flok fuq naħa waħda. |
| 71.3.5 | Monti fost il-ġimgħa – se jkun 15-il pied kull posta. Kienu se jibagħtu ittri reġistrati bil-pjanti, iżda issa ser jintalbu jiġu l-Kunsill u jagħtuhom il-posti tagħhom. Ħafna minnhom ser jibqgħu stazzjonati bħal qabel. Il-pjanta ser tintbagħat l-għassa tal-pulizija u lid-dipartiment. Hemm 2 posti bl-istess isem, u li għalhekk ser jiġi rranġat. |
| 71.3.6 | Dgħajjes mitluqin – reġgħu twaħħlu tabelli lid-dgħajjes li ma kellhomx permess. |
| 71.3.7 | Ħaddiem tal-RSSL wera x-xewqa li jiġi jaħdem il-Kunsill ta' Marsaxlokk. Il-Kunsill aċċetta u ser ikun qiegħed jibda fil-ġranet li ġejjin bħala 'Foreman'. |
| 71.3.8 | Sar xogħol ta' patching fi Triq tas-Silġ, dan sewa madwar elf ewro. |
| 71.3.9 | Ser isir kors tal-Make-Up u ser jisponsorja xi ħaġa żgħira l-Kunsill. Ser jitkellmu mal-Kappillan forsi jingħataw is-Sala biex isir dan il-kors. |
| 71.3.10 | Ġie maħtur il-Board tal-għażla għall-post vakanti ta' 'Council Assistant', u fil-jiem li ġejjin ħa jkunu qegħdin isiru l-interviews. |
| | |
| **71.4** | **Mistoqsijiet mill-Kunsilliera** |
| 71.4.1 | Daniel Zerafa tkellem dwar żewġ attivitajiet li qed jiġu maħsuba li jsiru s-sena dieħla, dawn huma; l-Festival tan-nar u serata ta' mużika. |
| | |

| | |
|---|---|
| **71.5** | **Approvazzjoni tal-'Budget' (Sena 2024)** |
| 71.5.1 | Il-Budget ġie mressaq mill-accountant, is-Sur Karl Cutajar quddiem is-Sindku u l-Kunsilliera preżenti. Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-'Budget' għas-sena 2024, fejn ġie spjegat biċċa biċċa u fejn il-kunsilliera setgħu jressqu xi mistoqsijiet li kellhom.<br><br>L-accountant informa wkoll li saret laqgħa mas-Segretarja Parlamentari Alison Zerafa Civelli, fejn attenda hu flimkien mas-Sindku u s-Segretarja, biex l-allokazzjoni terġa' tiġi riveduta. |
| 71.5.2 | Il-Budget ġie approvat b'mod unanimu bejn il-kunsilliera kollha preżenti. |
| | |
| **71.6** | **Rapport amministrattiv (Sena 2022)** |
| 71.6.1 | Ir-rapport amministrattiv ġie approvat mill-kunsilliera kollha preżenti. |
| | |
| **71.7** | **Approvazzjoni tal-'Performance Appraisal'** |
| 71.7.1 | Il-'Performance Appraisal' tal-ħaddiema tal-Kunsill, kien approvat b'mod unanimu bejn il-kunsilliera kollha. |
| | |
| **71.8** | **Latrina Pubblika ta' Xatt is-Sajjieda** |
| 71.8.1 | Is-Sindku ser jitkellem mal-Ministru tat-Turiżmu minħabba li din għalkemm infetħet għal xahar, issa tinsab magħluqa mill-ġdid biex tiġi rranġata minħabba l-problema tad-drenaġġ. |
| | |
| **71.9** | **Planning Authority** |
| 71.9.1 | Ma kien hemm l-ebda applikazzjoni li kellha bżonn il-konsiderazzjoni mill-Kunsill. |
| | |
| **71.10** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti** |
| 71.10.1 | Approvati. Proponent Daniel Zerafa u sekondant Steven Caruana. B'hekk ġiet approvata b'mod unanimu l-iskeda tal-pagamenti No 11/2023 bejn dawk preżenti. |
| | |

| | |
|---|---|
| **71.11** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 71.11.1 | Il-laqgħa tal-Kunsill Nru 71 ġiet fit-tmiem, wara li kienet eżawrita l-Aġenda kollha. Ġiet deċiża d-data tal-laqgħa li jmiss li se tkun nhar l-Erbgħa 3 ta' Jannar, 2024 fl-4:30pm. |

Konfermati, illum 3 ta' Jannar, 2024.

**IFFIRMATA**

________________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**IFFIRMATA**

________________________

**Karen Scicluna**
*Segretarju Eżekuttiv*

**IFFIRMATA**

________________________

***Proponent***

**IFFIRMATA**

________________________

***Sekondant***